MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 474/2004

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rita Gruppetta u l-istess Rita Gruppetta, u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rita Gruppetta u dan stante it-trasferiment tal-portfolio tal-istess kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc lilha**
**vs**
**Carmel Ellul u b'digriet tad-19 ta' Awissu, 2004 Dr Renzo Porsella Flores gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta l-eredita` gjacenti ta' Carmel Ellul, u b'nota tas-17 ta' Frar, 2005 il-Motor Insurance Pool gia' Omnibus Pool assumiet bhala konvenut l-atti tal-kawza minflok il-kuratur Av. Dr Renzo Porsella Flores**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu, 2004, fejn intqa illi:**
**i. Illi fl-ewwel ta' Lulju, 2002 fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, l-attrici kienet qieghda ssuq il-vettura taghha CBI-204 assikurata mal-kumpanija attrici. Meta harget mit-traffic lights li hemm quddiem ic-cimiterju u waqt li kienet miexja dritt fil-lane taghha, ix-xarabank numru DBY-309 li kienet ghaddejja min-naha tax-xellug taghha, gibdet lejn il-lemin u baqghet diehla fuq ix-xellug tal-vettura taghha. Il-konvenut kien qed isuq din ix-xarabank.**
**ii. Bhala konsegwenza tal-habta gew kagunati d-danni fil-vettura tal-attrici ammontanti b'kollox ghal elf u sebgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1097.20) li minnhom elf tnejn u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu gew sopportati mill-kumpanija attrici that il-polza, u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) mill-attrici.**
**iii. Il-konvenut gie interpellat ihallas dawn id-danni b'ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru, 2003 izda ghal ta xejn.**
**iv. Ghalhekk l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' elf u sebgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1097.20) danni li kkaguna tort tieghu fil-kollizjoni fuq imsemmija kwantu ghal elf tnejn u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1072.20) lill-kumpanija attrici li baghtithom taht il-polza, u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attrici li baghtithom minn butha, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni.**
**Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 2003, u dawk tal-ittra ufficjali kontestwali mibghuta skond il-ligi lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mis-16 ta' Dicembru, 2003, data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Marzu, 2004 fejn intqal :**

**i. Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija tal-attrici Rita Gruppetta ;**
**ii. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi .**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Ra r-risposta prezentata fil-25 ta' Ottubru, 2004, mill-kuratur deputat ghall-konvenut li fiha eccepixxa li huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza u ser jaghmel l-almu tieghu biex jipprova jaqbad mal-werrieta ta' Carmel Ellul. Ghalhekk huwa jirriserva d-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu aktar 'l quddiem.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, Rita Gruppetta, Emmanuel Gatt u Maria Pisani. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirigwarda incidnet li sehh fil-qasam industrijali tal-Marsa fl-1 ta' Lulju, 2002. Il-vetturi involuti fil-kolizzjoni kienu l-vettura CBI-204 misjuqa minn Rita Gruppetta u l-vettura Xarabank DBY-309 misjuqa mll-konvenut.**
**2. Ir-ritratti esebiti Dok GM16 sa GM25 juru l-lok li fih sehhet il-kollizzjoni u l-vetturi involuti.**
**3. Skond l-attrici hi kienet nizla mit-Triq ta' Kordin, fid-direzzjoni tal-Marsa u kienet ser taqbad Triq Galibardi. Hi waqfet fuq it-traffic lights u kienet fit-tilet kareggata minn naha tal-lemin. Meta qalbu d-dwal kellha l-indicator mixghul u f'daqqa hasset daqqa mal-genb u tkaxkret. Il-konvenut laqta fuq wara u kaxkret il-vettura taghha. L-attrici kienet rat ix-Xarabank wieqfa fuq il-lights, hi xeghelet l-indicator lejn ix-xellug.**
**4. Carmel Ellul is-sewwieq tax-Xarabank ma xhedtx u ghalhekk xhedet Maria Pisani li esebit id-dikjarazzjoni li kien ghamel l-istess konvenut lill Motor**

**Omnibus Pool Dok MGP1 fejn qal li kien qieghed fuq il-lights ta' l-Addolorata biex imur lejn id-direzzjoni lejn il-Belt, ha jdur lejn it-Triq tas-Super One, meta skond hu l-attrici daret mieghu waqt illi kien fuq l-inner lane u riedet tigbed fi direzzjoni ta' Hal Luqa u dahlet fih.**

**5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal hu sodisfatt illi z-ewg vetturi riedu jaqsmu l-kareggata ta' xulxin u b'hekk sehh l-impatt. Konsegwentament il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli fi grad ta' nofs ghall-incidnet li sehh u ghad-danni eventwali.**

**6. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub u dan skond id-Dok GM3 sa Dok GM11, u konsegwentament l-istess konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' hames mija tmienja u erbghin lira u disghin centezmu (Lm548.90c).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta' nofs ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' hames mija tlieta u ghoxrin lira u disghin centezmu (Lm523.90c), u lill-attrici Rita Gruppetta s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------